**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ġimgħa, erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2025

Kawża Nru 84/2025

**Il-Pulizija**
***(Spettur Colin Sheldon)***

Vs

**Alessio Lupo Rivera**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Alessio Lupo Rivera** ta' sebgħa u għoxrin (27) sena, iben Rubiens Lupo u Monica nee Rivera, imwieled Olbia, l-Italja nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 1997 u residenti ġewwa numru

tmienja (8), Via Giovanni Amendola, Sassari, Arzachena, Sardegna, detentur tal-passaport bin-numru YB 7409903 talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar 2025 għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu (07:00hrs) u/jew ħinijiet, u/jew ġranet preċedenti, fil-lokalita' ta' San Ġiljan u f'dawn il-gżejjer Maltin:

(1) bl-imġieba tiegħu kkaġuna lis-sieħba tiegħu Claudia Chessa biza' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1);[1]

(2) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-sieħba tiegħu Claudia Chessa f'periklu ċar, volontarjament ikkaġunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna taghha, hekk kif iċċertifikat mit-tabiba Dr. Melania Formosa Reg 8092 ta' l-isptar Mater Dei;[2]

(3) u aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna tas-sieħba tiegħu Claudia Chessa sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor, kemm-il darba

[1] Artikoli 251B(1), 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(i)(v)(vi) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikoli 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 202(h)(i)(v)(vi)tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

dan il-fatt ma jkunx jaqa’ taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;[3]

(4) u aktar talli għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;[4]

(5) u aktar talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[3] Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.
[4] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Claudia Chessa billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382 u 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż bil-proċedura sommarja;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali

ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar 2025, il-Pulizija ġew infurmati mill-Isptar Mater Dei li kienet idaħħlet l-Isptar tfajla ta' nazzjonalita Taljana wara li allegatament kienet sfat imsawta mill-għarus tagħha li huwa Taljan bħalha. L-għarus kien anke ipprova jifgaha.

Il-Pulizija tkellmet mat-tfajla li ġiet identifikata bħala Claudia Chessa. Hija spjegat lill-Pulizija li aktar kmieni filgħodu hi u l-għarus tagħha kienu qegħdin f'xi clubs f'Paceville. Huma tlewmu bejniethom. X'ħin irritornaw lura fil-lukanda fejn kienu qegħdin jalloġġjaw, l-argument

bejniethom kompla. Hi sostniet li f'ħin minnhom l-għarus tagħha beda jagħtiha f'wiċċha waqt li hi kienet fuq is-sodda. Qalet wkoll li hu qabad imħadda u beda jipprova jifgaha biha. Imbagħad tefagħha minn fuq is-sodda għall-art u hemm kompla jagħtiha. Qalet wkoll li l-għarus tagħha kien anke għamel użu mill-kokajina.

F'ħin minnhom l-għarus tagħha daħal fil-kamra tal-banju u hi dak il-ħin iddeċidiet li taħrab. Hija għalhekk ħarġet fil-gallarija u qabżet żewġ sulari għal isfel. Hija ġiet fuq tinda. Minn hemm ittieħdet l-Isptar Mater Dei għall-kura.

Waqt li l-Pulizija kienu għaddejjin bl-investigazzjonijiet tagħhom f'Mater Dei, huma ġew infurmati li l-għarus tal-akkużata li ġie identifikat bħala Alessio Lupo Rivera kien mar hemmhekk biex isaqsi dwar saħħet it-tfajla tiegħu. Waqt li Rivera kien qed jistenna fil-waiting area tad-Dipartiment tal-Emerġenza, huwa ġie arrestat. Rivera ġie skortat fil-kamra tal-lukanda fejn hemmhekk il-Pulizija elevaw il-passaport tiegħu. Il-Pulizija innutaw wkoll xi demm fuq in-naħa ta' fuq tat-tinda hekk kif ittawlu mill-gallarija tal-kamra għal isfel.

Sussegwentement il-Pulizija ġew informati li l-vittma kienet fil-perikolu tal-mewt. Għalhekk ġie infurmat il-Maġistrat tal-Għassa li ordna l-ftuħ ta' inkjesta maġisterjali.

Mill-investigazzjoni li saret mill-esperti nominati fl-inkjesta, ġie indikat li l-ġrieħi li ġew sofferti mill-vittma kienu kompatibbli ma' waqgħa.

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu. Għall-fini ta' piena, il-Qorti sejra tikkunsidra l-fatt li l-akkużat ammetta mal-ewwel opportunita li huwa kellu u iddispjaċieh għall-akkadut.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 202(h)(i)(v)(vi), 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 251B(1), 251H(a)(b), 251HA, 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll l-artikoli 9, 10, 11, 22 u l-Ewwel Skeda tal-Kap. 101 u r-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati, fuq ammissjoni tiegħu stess, **<u>qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha</u>** miġjuba fil-konfront tiegħu.

Fir-rigward tal-ħames (5) akkuża l-Qorti qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' **<u>multa ta' mitejn u ħamsin ewro (€ 250).</u>**

Għar-rigward l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba’ (4) akkuża, il-Qorti wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap. 446, **qed tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett (3) snin mil-lum.**

A tenur tal-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jinftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati illum.

Finalment wara li rat l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti qed toħroġ ordni ta’ trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-vittma Claudia Chessa. L-ordni qed tiġi magħmula **għal żmien tlett (3) snin mil-lum** taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment ma’ din is-sentenza. Il-Qorti fehmet lill-ħati bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa jikser tali ordni ta’ trażżin u cioe li jekk jinstab ħati li kiser tali ordni huwa jista’ jeħel multa ta’ sebat elef ewro (€ 7,000) jew priġunerija ta’ mhux iżjed minn sentejn jew it-tnejn li huma.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**